MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru 75/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**
**vs**
**Ivan Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Ivan Galea ta' 28 sena bin David u Maria Assunta nee' Vella imwieled Pieta' fil-5 ta' Ottubru 1974 u residenti Blk. A, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta detentur ta' karta ta' identita numru 500774(m) akkuzat talli:

a. f'Marsaskala fil-lejl ta' bejn il-Gimgha 29 ta' Novembru, 2002 u s-Sibt 30 ta' Novembru 2002 minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Amanda u Sharon Lee, ahwa minn Haz Zabbar f'periklu car hebb ghal istess ahwa Lee u kkagunalhom griehi ta' natura gravi liema feriti ghal rigward Sharon Lee gabu sfregju

gravi u permanenti fil-wicc, skond ma ccertifika Dr. A. Portelli MD. c/o Centru tas-Sahha ta' Paola, bi ksur tal-art. 214, 216 u 218 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

b. fl-istess cirkustanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq Darren Spagnol minn Haz Zabbar u fuq Mark Ellul mill-Fgura skond ma ccertifika Dr. A. Portelli MD c/o Centru tas-Sahha ta' Paola, bi ksur tal-art. 221 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

c. volontarjament kiser il-kon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur tal-art. 338(dd) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

d. bl-istess cirkostanzi sar recediv b'diversi sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Malta.

Semghet l-imputat fl-udjenza tallum jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti semghet lill-ufficjal tal-probation, rat is-sentenzi esebiti, ikkonsidrat kemm il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat stqarr ix-xewqa li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni.

Rat l-Art. 221, 214, 216, 218, 17 u 338(dd) tal-Kap 9 u tikkundannah sitt xhur prigunerija.

---------------------------------TMIEM---------------------------------